31997D0225

L 91/13 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 5.4.1997

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tal-10 ta' April 1995
dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-emenda għall-Konvenzjoni ta' l-20 ta' Mejju 1987 fuq proċedura komuni ta' transitu

(97/225/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 113, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 228(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-Artikolu 15(2) tal-Konvenzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Repubblika ta' l-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Renju ta' l-Isvezja u l-Konfederazzjoni Svizzera fuq proċedura komuni ta' transitu [1] jagħti s-setgħa lill-Kumitat Konġunt stabbilit minn dik il-Konvenzjoni biex jagħmel emendi lill-Konvenzjoni;

Billi l-Kumitat Konġunt irrakkomanda emenda lill-Konvenzjoni biex jippermetti l-irkupru ta' drittijiet permezz ta' l-għajnuna reċiproka bejn il-Partijiet Kontraenti;

Billi dawn l-emendi jidhru fir-rakkomandazzjoni Nru 1/94 tal-Kumitat Konġunt; billi huwa xieraq li jkun approvat il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri dwar dik ir-rakkomandazzjoni,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-emenda tal-Konvenzjoni ta' l-20 ta' Mejju 1987 fuq proċedura komuni ta' transitu huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna bis-setgħa li tiffirma l-Ftehim biex jorbot lill-Komunità.

Magħmula fil-Lussemburgu, fl-10 ta' April 1995.

Għall-Kunsill

Il-President

A. JUPPÉ

[1] ĠU L 226, tat-13.8.1987, p. 2.